# Il-Ħadd 20.09.2020

1. Illum 20/09:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Il-Ħamis 24/09:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 26/09:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-grupp tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 27/09:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, il-Mobile Blood Donation Unit ser ikun fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tagħna sabiex tkunu tistgħu tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha qed nistiednu b'mod speċjali lill-għalliema li huma jew joqgħodu fil-Parroċċa tagħna, u lit-tfal kollha biex jiġu sabiex fl-aħħar tal-quddiesa nagħmlu talba tal-barka hekk kif ser tibda sena skolastika u edukattiva ġdida, żgur mimlija sfidi.
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

5. Avviżi oħra marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:
   - F'Ottubru ser isir il-ftuħ tas-sena tad-duttrina tat-tfal kollha li jattendu fl-oqsma tal-Museum tal-Parroċċa tagħna. Għaldaqstant, min ser jirreġistra lil uliedu għad-duttrina għall-ewwel darba, għandu jitlob formola mingħand is-Superjuri jew iniżżilha online mill-facebook pages tal-museumijiet stess, u wara li jimliha sewwa u jhemeż iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-knisja fejn irċevew dan is-sagrament, jerġa' jgħaddiha lis-Superjuri mill-aktar fis. Dawk li ser ikun hemm xi tibdil fejn jattendu d-duttrina, mitluba jinfurmaw lis-superjuri wkoll. Din is-sena mhux ser ikun hemm il-klassi tal-Infantili, u dawk il-ġenituri li għandhom uliedhom għall-klassijiet tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma 2021 għandhom jieħdu ħsieb jirreġistrawhom wkoll. Aktar dettalji speċjalment tal-jiem u l-ħinijiet tad-duttrina, mingħand is-Superjuri.
   - Qed nagħmlu sejħa biex ikollna katekisti li jgħallmu t-tagħlim nisrani flimkien mal-membri tal-MUSEUM, speċjalment għall-bniet. Nixtieq li jkollna min jagħraf l-importanza ta' dan il-qasam fil-ħajja tagħna bħala Knisja u jidħol għal dan l-impenn hekk importanti għall-parroċċa tagħna. Min hu interessat javviċina lill-Kappillan jew lis-Superjuri, għal aktar dettalji u ovvjament taħriġ meħtieġ.
   - Tajjeb napprezzaw l-isforzi li qed isiru fl-oqsma tal-Museumijiet biex ikunu fi stat tajjeb, kemm ta' ndafa u kemm ta' sigurtà. Nitlob lil min jista' biex juri l-apprezzament tiegħu anke b'xi donazzjoni finanzjarja lis-Superjuri tal-Museumijiet tagħna biex ngħinuhom iwettqu l-missjoni tagħhom u jlaħħqu mal-ispejjeż li jkollhom, speċjalment dawk relatati ma' manutenzjoni, kif ukoll tindif: sanitizors, wipes, eċċ.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 200 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 20 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.